**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 638/2018 AF**

**B.G. Air SA, socjetà estera inkorporata taht il-ligi Svizzera u b'numru ta' registrazzjoni CHE-113.473.934 u bl-ufficcju registrat fi Piazza del Sole 2 CH-6982, Ango, Svizzera kif debitament rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Claudio Tonolla**

**vs**

**Execavia Limited (C-66116)**

Il-Qorti:

Rat -rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà esponenti tamministra, izomm u ticcirkola vetturi tal-ajru, *helicopters*, u taghmir / vetturi ohra simili u anke tbiegh u takkwista dawn it-tip ta' vetturi.

Is-socjetà esponenti ingaggat is-servizzi ta' Oliver Martin Oberhofer, sabiex jassisti lis-socjetà esponenti takkwista l-*helicopter* tal-marka Agusta mudell numru A109A2 7301 I-CRMD.

Oliver Martin Oberhofer waqqaf is-socjetà, li hi s-socjetà intimata Execavia Limited già maghrufa bhala Jetfina International Limited, sabiex takkwista dan il-*helicopter* ghas-socjetà esponenti.

Is-socjetà intimata akkwistat il-*helicopter* hawn imsemmi minghand Isabella Boroli u dan permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Ottubru, 2014 u eventwalment permezz ta' ftehim li gie registrat fil-11 ta' Marzu, 2015, liema *helicopter* gie akkwistat mis-socjetà intimata ghall-ammont ta' erba' mija u ghaxart elef Ewro (€410,000).

Is-socjetà esponenti ittrasferiet l-ammont ta' erba' mija u ghaxart elef Ewro (€410,000) lil socjetà intimata f'numru ta' pagamenti sabiex tkun tista' takkwista l-istess *helicopter*.

Minghajr ebda raguni valida s-socjetà intimata ddecidiet li zzomm il-*helicopter* fil-pussess taghha, dan nonostante li s-socjetà esponenti hallset l-ammont kollu dovut ghall-istess, u s-socjetà intimata qatt ma ttrasferiet il-*helicopter* lis-socjetà esponenti jew hallset lura l-ammont li s-socjetà esponenti halset ghall-akkwist tal-istess *helicopter*.

Mhux biss is-socjetà intimata naqset milli tittrasferixxi l-*helicopter* u/jew thallas lura l-ammont relattiv, izda fil-mori s-

socjetà intimata ikkagunat hsara estensiva lill-istess *helicopter* li ma jistax jissewwa b'ebda mod u ma jistax jintuza.

In vista tal-fatt li l-*helicopter de quo* m'ghadux jezisti, s-socjetà esponenti interpellat lis-socjetà intimata diversi drabi sabiex taffettwa l-pagament relattiv ta' erba' mija u ghaxart elef Ewro (€410,000), izda din tal-ahhar baqghet inadempjenti u s-socjetà esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr li tintavola dawn il-proceduri.

Dan il-kreditu tas-socjetà esponenti huwa dejn cert, likwidu u dovut mis-socjetà intimata u l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tas-socjetà esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjest mill-Ligi a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitor* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitor* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' erba' mija u ghaxart elef Ewro (€410,000); u

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà esponenti l-ammont komplessiv ta' erba' mija u ghaxart elef Ewro (€410,000);

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata permessa mil-ligi mill-11 ta' Marzu 2015, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà intimata, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tat-3 ta' Lulju 2018 u peress illi l-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta seta' kellha

eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha għar-rikors maħluf tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-isfond tal-fatti hawn taht dikjarati u dawk li ser jirrzultaw mit-trattazzjoni tal-kawza, l-eccezzjonijiet illi l-kumpannija esponenti qed taghti permezz ta' din ir-risposta mahlufa huma s-segwenti:

a. It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kumpannija esponenti ma hijiex debitrici tal-kumpannija rikorrenti u ma ghandha xejn x'taghti lill-kumpannija rikorrenti.

b. Il-fatti kif dikjarati mill-kumpannija rikorrenti in sostenn tat-talbiet taghha huma kontestati stante illi ma jirrispekkjawx il-veritajiet kollha u l-istorja kollha bejn il-partijiet fir-rigward tal-*helicopter* in kwistjoni kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

c. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda.

d. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija rikorrenti u bl-ingunzjoni taghha u tar-rapprezentanti taghha in subizzjoni.

Risposta dwar Fatti Dikjarati

Fir-rigward tal-fatti hekk kif dikjarati mill-kumpannija rikorrenti fir-rikors mahluf taghha l-kumpannija esponenti qed taghmel is-segwenti dikjarazzjonijiet mahlufa ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In-negozju principali tal-kumpannija esponenti huwa x-xiri u bejgh ta' ingenji tal-ajru u ta' magni u apparat iehor relatat mal-istess ingenji tal-ajru. Il-kumpannija esponenti kienet precedentement topera bl-isem Jetfina International Ltd, liema

isem gie mibdul ghal isem prezenti Execavia Limited f'Lulju tas-sena 2015.

F'xi zmien fis-sena 2014 l-esponent Oliver Oberhofer, direttur tal-kumpannija esponenti kien gie mgharraf illi l-helicopter tla-ghamla Augusta li huwa mertu tal-kawza odjerna kien ghal bejgh u ghalhekk kien ghamel kuntatt ma' sid il-*helicopter*, certu Isabella Boroli, u wera' l-interess tieghu f'dan il-*helicopter* u sussegwentement ukoll irranga ghal spezzjoni teknika tal-*helicopter* gewwa l-istabbiliment ta' Eurotech s.r.l gewwa l-Italja. L-intenzjoni tal-kumpannija esponenti kienet illi tixtri l-*helicopter* sabiex dan jerga' jinbiegh bi profitt.

Sussegwentement, izda qabel ma gie ffirmat il-ftehim ta' bejgh preliminari ma' Isabella Boroli, l-istess esponenti Oliver Oberhofer kien semma lil Giovanni Mahler (sid il-kumpannija rikorrenti) illi kellu f'idejh l-opportunità illi jixtri dan il-*helicopter*. Mahler, fil-pront, semma li kien interessat fih u ghadda lill-kumpannija esponenti s-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) bhala depozitu ghall-prezz tal-istess.

Bejn il-kumpannija rikorrenti u l-kumpannija esponenti ma kienx hemm skrittura jew ftehim bil-miktub anke ghaliex sa dan iz-zmien ma kienx ghadu gie pattwit finalment il-prezz li bih il-kumpannija esponenti kienet ser tghaddi l-*helicopter* lill-kumpannija rikorrenti, ghalkemm il-kumpannija rikorrenti kienet taf illi bhalma hija l-konswetudini fis-suq ta' xiri u bejgh l-ingenji tal-ajru ta' dan it-tip, il-kumpannija esponenti kienet qed tippretendi illi taghmel qliegh kapitali ta' bejn ghaxra fil-mija (10%) u hmistax fil-mija (15%) tal-prezz u dan biex tkopri wkoll l-ispejjez u z-zmien illi nkorriet u li kienet ser tinkorri fin-negozjati, spezzjonijiet u proceduri kollha relatati max-xiri tal-*helicopter*.

Sussegwentement Oliver Oberhofer ghadda biex jiffirma l-ftehim preliminari ghan-nom tal-kumpannija tieghu Jetfina International Ltd (illum Execavia Limited) ma' Isabella Boroli, liema ftehim gie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 2014 u li kopja tieghu gie esebit mar-rikors promotur immarkat Dok. A.

Kif jidher mill-istess dokument immarkat Dok. A l-ftehim kien iffirmat mill-kumpannija esponenti u ghan-nom taghha u mhux ghan-nom tal-kumpannija rikorrenti.

Mal-ftehim preliminari l-kumpannija esponenti hallset is-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) akkont tal-prezz tal-*helicopter*.

Sussegwentement il-kumpannija rikorrenti qalet illi kienet tilfet l-interess fix-xiri tal-*helicopter* anke ghaliex kellha problemi biex tasal finanzjarjament u Giovanni Mahler sahansitra qal lill-esponent Oliver Oberhofer illi kien lest illi jirrinunzja ghad-depozitu ta' hamsin elf Ewro (€50,000) illi kien hallas lill-kumpannija esponenti.

Sadanittant il-kumpannija esponenti kienet gia inkorriet certu spejjez relatati max-xiri tal-*helicopter* inkluz ghall-ispezzjonijiet illi saru fuqu u ghalhekk, minkejja illi l-kumpannija rikorrenti rtirat mill-ftehim mal-kumpannija esponenti, l-kumpannija esponenti xtaqet illi tonora l-ftehim preliminari iffirmat ma' Isabella Boroli u ghalhekk f'Marzu tas-sena 2015 gie iffirmat il-kuntratt finali quddiem in-nutar Emanuele Caroselli f'Novara (kopja esibita mar-rikors promotur bhala Dok. B).

Il-bilanc tal-prezz tal-*helicopter* thallas mill-kumpannija esponenti fuq il-kuntratt finali wara li l-kumpannija esponenti sellfet xi flus minghand certu Paolo Sardi (habib ta' Oliver Oberhofer u maghruf ukoll lil Giovanni Mahler) ghal dan il-ghan.

Il-*helicopter* gie konsenjat lill-kumpannija esponenti li hadet hsieb ir-registrazzjoni tieghu f'isimha u hadet hsieb taghmel dak kollu li hemm bzonn biex hi tkun tista' topera l-*helicopter* sakemm issib il-bejgh tieghu, u dan a spejjez unici taghha.

Fil-frattemp, anke ghaliex ir-relazzjoni personali bejn ir-rapprezentanti rispettivi tal-partijiet fil-kawza, Giovanni Mahler u Oliver Oberhofer, kienu ghadhom tajbin, il-kumpannija esponenti sahansitra kienet topera xi titjiriet bil-*helicopter* ghal Giovanni Mahler stess, filwaqt illi in kompensazzjoni ghal dawn it-titjiriet il-kumpannija rikorrenti kienet thallas xi spejjez relatati mal-operat u manutenzjoni tieghu. Madanakollu, ir-relazzjoni bejn il-partijiet baqghet wahda informali fis-sens illi

ma kienx hemm ftehim jew dokumentazzjoni formali dwar l-arrangamenti bejniethom.

Ghaliex, kif jghid il-qawl Taljan, *l'apetito vien mangiando*, l-kumpannija rikorrenti (cioè Giovanni Mahler) rega' qajjem interess fil-*helicopter* u bil-ghan illi jisfrutta r-relazzjoni informali li kellu ma' Oliver Oberhofer u ma' Paolo Sardi huwa ghadda biex jaghmel il-hlasijiet tas-somom mislufa minn Paolo Sardi lill-kumpannija esponenti bil-pretest illi l-*helicopter* kien inxtara ghall-kumpannija rikorrenti u illi effettivament dak kien taghha.

L-ghan ewlieni tal-kumpannija rikorrenti f'dan l-agir taghha kien illi tkun tista' tghid illi l-*helicopter* inxtara mill-kumpannija esponenti bhala agent jew mandatarju tal-kumpannija rikorrenti u li ghalhekk il-*helicopter* kien tal-kumpannija rikorrenti u mhux tal-kumpannija esponenti u b'hekk taqta' kull profitt, qliegh kapitali, kummissjoni jew introjtu iehor illi l-kumpannija esponenti kienet qed tippretendi illi taghmel minn negozju ta' dan il-*helicopter*.

Il-posizzjoni tal-kumpannija esponenti kienet u baqghet l-istess fis-sena illi hija kienet disposta illi tghaddi titolu tal-*helicopter* lill-kumpannija rikorrenti diment illi din thallas lill-kumpannija esponenti dak illi kien dovut lilha inkluz spejjez illi kienet inkorriet fir-rigward tax-xiri tal-*helicopter* u l-operat sussegwenti tieghu u inkluz l-*mark up* ta' bejn 10% u 12% tal-prezz tieghu.

Però l-kumpannija rikorrenti baqghet inadempjenti u ghalhekk it-trasferiment ma setax isir.

Sadanittant, f'Novembru tas-sena 2016, fi zmien meta l-*helicopter* kien jinsab gewwa Sondrio fl-istabbiliment tal-pilota Roberto Graziani wara illi saritlu xi manutenzjoni, Giovanni Mahler ta' struzzjonijiet lill-istess Graziani sabiex dan itir minn Sondrio ghal Lugano fejn kellu jigbor lil Mahler biex iwasslu post iehor fejn kien ser jattendi avveniment socjali.

Il-*helicopter* kien ilu Sondrio ghal xi xahrejn ghaliex il-kumpannija esponenti kienet waqfet taghmel titjiriet biex stante illi l-kumpannija rikorrenti ma kienitx qed thallas l-ispejjez relattivi.

Fid-19 ta' Novembru 2016 Roberto Graziani telaq minn Sondrio bil-*helicopter* minghajr l-kunsens tal-kumpannija esponenti u minghajr ma infurmaha u telaq lejn Lugano flimkien mas-siehba tieghu Stefania sabiex jigbor lil Giovanni Mahler.

Wara illi ngabar Giovanni Mahler f'Lugano u f'kundizzjonijiet ta' temp pessimi b'vizibilità mill-aghar, l-*helicopter* telaq mill-ajruport u hu tiela baqa' diehel go xi sigar fuq muntanja fl-inhawi bir-rizultat illi l-*helicopter* iggarraf u l-imsemmija tfajla Stefania inqatlet filwaqt illi Graziani u Mahler wegghu serjament.

Wara dan l-incident traskurat ghall-ahhar li sar bil-komplicità ta' Graziani u Mahler il-kumpannija esponenti, in kwantu s-sid registrat tal-*helicopter* giet rinfaccjata bi proceduri legali, inkjesti u problemi serji ohra inkluz illi tamministra t-tnehhija tal-*helicopter* mill-post fejn iggarraf u dan a spejjez ingenti taghha.

Ghalhekk, mhux talli l-kumpannija esponenti ma hijiex debitrici tal-kumpannija rikorrenti fir-rigward tax-xiri tal-*helicopter* in kwistjoni, talli hija l-kumpannija esponenti illi ghandha pretensjonijiet xi tvanta kontra l-kumpannija rikorrenti, kemm ghat-telf illi garrbet rizultat tal-ksur tal-ftehim preliminari bejn il-partijiet dwar ix-xiri tal-*helicopter*, kemm ghal spejjez illi ghadhom dovuti ghaz-zmien illi l-kumpannija esponenti operat l-*helicopter* ghall-beneficcju tall-kumpannija rikorrenti, kif ukoll ghall-ispejjez u telf kollu illi garrbet b'rizultat tal-incident fatali illi sehh f'Novembru 2016 bil-komplicità tal-kumpannija rikorrenti u l-azzjonarju taghha Giovanni Mahler.

Ghalhekk il-kumpannija esponenti qed tirriserva minn issa stess u permezz ta' dan l-att gudizzjarju kull dritt spettanti lilha kontra l-kumpannija rikorrenti u kontra Giovanni Mahler personalment jekk ikun il-kaz ghad-danni kollha illi garbet bl-agir illegali taghhom.

Fatti rilevanti ulterjuri u l-provi dwar l-istess ser jingiebu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-esponent qed jaghmel id-dikjarazzjonijiet hawn dedotti abbazi ta' informazzjoni moghtija lilu minn Oliver Oberhofer, direttur tal-kumpannija esponenti.

Rat id-dokument anness.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2020 il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż stante li gie dikjarat li l-mertu huwa eżawrit.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat li minn eżami tal-fatti kif esposti fil-proċess, jirriżulta li l-mertu ta' din il-kawża kien jirrigwarda *helicopter* li xtrat is-soċjetà konvenuta u li l-attriċi tgħid illi ħallset għalih hi u li allura kellu jintradd lilha.

Il-Qorti tagħraf illi l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mill-liġi u ċioè l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> *(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.*

...

> *(3) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*

B'riferenza għal dan l-artikolu, ntqal fis-sentenza fl-ismijiet HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 illi:

> *"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*
>
> *Huwa rikonoxxut però li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie*

*infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur*."

Ara wkoll Raymond Borg et vs Hal Mann Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003 u Constantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004.

Kif qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Raymond Casolani et vs Francis Carbonaro et, tat-30 ta' Ġunju 2016:

"*Illi huwa minnu li l-gurisprudenza taghna dejjem interpretat l-artikolu 223 tal-Kap 12 b'mod flessibli (ara Costantino Muscat pro et noe et. vs Nazzareno sive Reno Muscat et. - App. Civ. 1 ta' Ottubru 2004, Raymond Borg et vs Hal Mann Ltd. - P.A. (Sede Inf.) 20 ta' Ottubru 2003; u Sandro Vassallo vs Direttur tar-Registru Pubbliku et – Appell Civili 28 ta' Frar 2014).*

*Il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li jbati t-tellief, jew sahansitra tinkombi l-kap tal-ispejjez fuq l-attur fejn kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi jew ghal xi raguni tajba ohra (Art. 223(3) Kap.12).*"

Mill-atti tal-każ jirriżulta li l-partijiet ma ressqu l-ebda prova qabel ma ddikjaraw illi l-mertu huwa eżawrit ħlief għal żewġ

skritturi li ġew annessi mar-rikors ġuramentat. Il-Qorti tinnota li l-kawża tal-lum bdiet bil-proċedura sommarja speċjali fejn l-attriċi kienet qed titlob refużjoni tal-ħlas illi tgħid li raddet lill-konvenuta, rappreżentanti l-prezz tal-*helicopter*. Madanakollu, hija ma ġabitx l-iċken prova ta' dak kollu li qiegħda tallega. Mill-atti jirriżulta biss li s-soċjetà konvenuta, li qabel kien jisimha Jetfina International Limited, kienet xtrat l-*helicopter* mingħand ċertu Isabella Boroli. Minn imkien mill-iskritturi esebiti fl-atti ma jirriżulta li l-konvenuta xtrat il-*helicopter* għall-attriċi jew li l-attriċi kienet ħallset il-prezz hi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiddikjara l-mertu eżawrit, tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG